**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2020.**

**Rikors nru: 197/2019 AGV :**

**AB f' isem u in rapprezentanza ta' binha minuri CB**
**Vs**
**DE u Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors guramentat tal-attrici, fejn talbet, *inter alia*, li l-konvenut jigi dikjarat il-missier naturali ta' bintha minuri CB.

Rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-konvenut, fejn in linea preliminari, fl-ewwel eccezzjoni gie rilevat illi l-proceduri odjerni ma setghux jigu istitwiti qabel ma tigi intavolata l-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-kawza tittratta l-azzjoni ta' omm li qed titlob li l-konvenut jigi dikjarat bhala l-missier bijologiku ta' bintha minuri, u li jigi hekk registrat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bhala l-missier naturali. Din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, li ppremetta li l-attrici kellha tipprezenta ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma istitwiet din il-kawza.

Issemmi diversi sentenzi fis-sottomissjonijiet tieghu, fejn dina l-Qorti accettat interpretazzjoni tal-Artikolu 86 fejn anke l-omm tista' tibghat ittra ufficjali lill-missier li ma jkunx ghadu rrikonoxxa lil ibnu/bintu. Bir-rispett kollu f'dawn id-diversi sentenzi ma jirrispekkjawx l-interpretazzjoni gusta tal-Artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad ukoll mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li accetta din it-tip ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 86, jekk dik l-ittra hija ffirmata konguntivament mill-omm u l-missier.

L-Artikolu 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla hekk:-

***"It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:***

***Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:***

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik irreġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*86A. (1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85."*

Il-legislatur huwa carissimu bil-mod kif emana din il-ligi. Bhala regola generali jistipula li r-rikonoxximent jista' jsir (a) bejn l-omm u l-missier konguntivament jew (b) separatament.

## RIKONOXXIMENT KONGUNTIV

Jekk ir-rikonixximent huwa kongutiv ifisser li hemm qbil totali bejn l-omm u l-missier u l-paternita' tista' tigi rregistrata.

## RIKONOXXIMENT SEPARAT

Il-problemi jinholqu jekk ir-rikonoxximent qed isir mill-missier jew persuna ohra interessata separatament mill-omm. F'dak il-kaz, il-ligi tirrikjedi li l-persuna li jghid li huwa l-missier naturali u biologiku, jibghat ittra ufficjali lil omm (jew il-werrieta taghha jew t-tifel it-tifel jekk ikun maggorenni) li ghandha fi zmien xahrejn tirrispondi b'nota li hemm qbil fuq id-dikjarazzjoni ta' paternita', qabel ma ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Fin-nuqqas tal-presentazzjoni ta' din in-nota fit-termini stabbiliti, il-ligi tippresumi li m'hemmx qbil fuq il-paternita' u ghalhekk taghti rimedju lil missier jew dik il-persuna nteressata sabiex jibda procedura ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' bl-eventwali korrezzjonijiet, jekk l-istess paternita' tirrizulta.

Il-legislatur kien car u bl-ebda mod ma tah il-fakolta' lil omm li tipprezenta ittra ufficjali sabiex titlob lill-missier jirrikonoxxi lil ibnu/bint, anzi allokkalha disposizzjoni specjali ghaliha u tinstab fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 86A. Jekk il-missier fl-ebda mument ma jressaq talba kemm b'ittra ufficjali jew b'kawza, il-ligi taghti dritt lill-omm sabiex tiftah proceduri minn jeddha sabiex titlob li l-istess ragel jigi ddikjarat bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri, minghajr il-htiega li tibghatlu ittra ufficjali biex titolbu r-rikonoxximent.

Dina l-Qorti diga’ kellha l-opportunita’ li tippronunzja ruhha fuq l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni 86 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn enunciat hekk:-

***“L-artikolu 86 jirrikjedi li tigi pprezentata ittra ufficjali, meta missier il-wild illegittimu jiddeciedi li jaghti t-taghrif necessarju sabiex isiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid. Ir-rekwiziti tal-ligi jirrikjedu li mbaghad l-istess ittra trid tigi notifikata lill-omm il-wild jew l-istess wild, jekk ikun maggorenni sabiex fi zmien xahrejn jikkonfermaw jew jinnegaw l-pretensjonijiet tal-missier. Din il-procedura taht l-Artikolu 86, ghalhekk qatt ma setghet tapplika ghall-kaz odjern u dan peress fil-kaz in kwistjoni hija l-omm li ddecidiet tipprocedi b’talba gudizzjarja. Fl-fatt, l-artikolu 86 A imbaghad jaghti lok lill-omm il-wild, biex tipprocedi b’talba gudizzjarja sabiex tigi stabbilita l-paternita’ tal-wild u inoltre sabiex fl-istess certifikat tat-twelid tigi rregistrata l-istess paternita’.***

***Hekk ghamlet l-attrici qua omm, fil-kawza odjerna. Ipprevalixxiet ruhha minn dan l-Artikolu 86 biex ippromoviet il-kawza taghha biex tigi kkonfermata l-paternita’ tal-wild illegitimu. Ghalhekk ma kienitx azzjoni prodotta mill-allegat missier naturali u biologiku u jsegwi li qatt ma jista’ d-Direttur tar-Registru Pubbliku jippretendi li kellha tigi segwita l-procedura tan-notifika bl-ittra ufficjali, ghax il-ligi stess tippermetti dan biss fil-kaz li jkun ser jitlob kjarifika l-missier naturali u jitlob, permezz tal-ittra ufficjali, li jinbidel l-istat tal-wild, minn wiehed illegittimu ghal wiehed legittimu, li zgur mhux il-mertu ta’ dan il-kaz.”***

Fic-cirkostanzi, dina l-Qorti tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Onor. Imhallef A.J. Vella** **Registratur**